MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 680/1991/1

**Joseph Micallef**

**v.**

**Joseph Bartolo**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 20 ta' Jannar 2005. L-appellant Joseph Bartolo qieghed jitlob ir-revoka ta' din is-sentenza billi tigi milqugha l-eccezzjoni tieghu fil-mertu u konsegwentement tigi michuda t-tieni talba attrici, filwaqt illi jigi deciz illi l-ewwel talba ta' l-appellat hija guridikament inaccettabli, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**2.** Permezz ta' att ta' citazzjoni, ipprezentat fit-28 ta' Gunju 1991, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur, appellat f'dina l-istanza, ippremetta u talab hekk:
**"Billi l-attur hu proprjetarju tat-terran numru 21, Triq it-Torri, San Pawl il-Bahar, li jmiss ma' u sottopost ghal fond numru 22 fl'istess triq li hu proprjeta tieghek** [il-konvenut]**, u billi fil-fond ta' l-attur hemm kamrin ta' l-injam, li l-gnub tieghu huma *partitions* tal-hardboard li ilhom snin kbar jaqdu l-funzjonijiet ta' demarkazzjoni u separazzjoni bejn iz-zewg fondi; u billi inti recentement abuzivamnet imminaccajt li sejjer tnehhi u thott dan il-kamrin ta' l-injam, li flimkien ma' l-ispazju okkupat minnu jiffurmaw parti mill-fond ta' l-istanti; u billi l-attur biex jikkawtela d-drittijiet tieghu, talab u fit-13 ta' Gunju 1991 ottjena, il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra tieghek (Dok. A) – prevja jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni illi l-kamrin fuq imsemmi flimkien ma l-ispazju okkupat minnu jiffurmaw parti mill-fond 21, Triq it-Torri, proprjeta` ta' l-istanti f'San Pawl il-Bahar, tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:**

**"i) tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Joseph Micallef vs Joseph Bartolo mahrug kontra tieghek fit-13 ta' Gunju 1991; u**

**"ii) tordna illi inti tigi inibit definitivament milli thott jew b'xi mod tiddannegga l-kamrin imsemmi li jinsab fil-proprjeta ta' l-attur 21, Triq it-Torri, San Pawl il-Bahar."**

B'nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata fit-18 ta' Lulju 1991, il-konvenut qal:

**“Preliminarjament in-nullità ta’ l-azzjoni attrici minhabba difett fil-forma u difett fit-talbiet ta’ l-attur, kollox kif jigi ahjar provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**“Fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex huma bla bazi legali jew fattwali.**

**“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”**

**3.** Fl-4 ta’ Mejju 1992, l-Ewwel Qorti tat provvediment – effettivament sentenza in parte – ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn eccepixxa n-nullità ta’ l-azzjoni “minhabba difett fil-forma u difett fit-talbiet”, u ddecidiet illi din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha. Minn din is-sentenza <u>ma sar ebda appell</u>. L-appell odjern – dak intavolat permezz tar-rikors ta’ Joseph Bartolo tad-9 ta’ Frar 2005 – hu limitat ghas-sentenza (finali) tal-20 ta’ Jannar 2005.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**4.** Permezz ta’ decizjoni moghtija fil-20 ta’ Jannar 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-tieni talba attrici u zammet lill-konvenut milli jnehhi jew jaghmel hsara lill-kamrin, filwaqt illi ddikjarat illi dan ghandu jsir minghajr pregudizzju ghax-xogholijiet li ghandhom isiru skond is-sentenza citazzjoni numru 703/1991 fl-ismijiet inversi, cioè **Joseph Bartolo v. Joseph Micallef**, moghtija wkoll f’dik l-istess gurnata, cioè 20 ta’ Jannar 2005. Is-sentenza appellata tghid hekk:

“Din il-kawża hija dwar proprjetà ta’ kamrin ta’ l-injam.

“Fiċ-ċitazzjoni l-attur jgħid illi l-attur huwa s-sid tat-terran numru 21, Triq it-Torri, San Pawl il-Baħar, li jmiss ma’ u jiġi taħt il-fond numru 22 fl-istess triq, proprjetà tal-konvenut. Fil-fond ta’ l-attur hemm kamrin ta’ l-injam li l-ġnub tiegħu huma *partitions* tal-*hardboard* li ilhom snin twal jimmarkaw il-konfini taż-żewġ fondi. Ftit qabel ma nfetħet il-kawża l-konvenut hedded illi kien sejjer iħott u jneħħi l-kamrin illi, flimkien ma’ l-ispazju okkupat minnu, huwa parti mill-fond ta’ l-attur.

"Biex iħares il-jeddijiet tiegħu l-attur fit-13 ta' Ġunju 1991 kien kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, u fetaħ din il-kawża biex jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-kamrin u l-ispazju okkupat minnu huma parti mill-fond numru 21, Triq it-Torri, San Pawl il-Baħar:

1. tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni maħruġ kontra l-konvenut fit-13 ta' Ġunju 1991; u

2. iżżomm lill-konvenut milli qatt iħott il-kamrin jew jagħmillu xi ħsara.
Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-mandat ta' inibizzjoni.

"Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. iċ-ċitazzjoni hija nulla minħabba difett fil-forma u difett fit-talbiet; din l-eċċezzjoni kienet miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenut b'sentenza ta' l-4 ta' Mejju 1992[1]; u

2. it-talbiet ta' l-attur huma "bla bażi legali jew fattwali".

"B'digriet tal-5 ta' Ġunju 1992[2] il-qorti ħatret perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-kawża, u l-perit ħalef ir-rapport tiegħu ħdax-il sena u nofs wara, fid-9 ta' Diċembru 2003[3]. Il-kawża mxiet flimkien ma' kawża oħra bejn l-istess partijiet fl-ismijiet maqluba, ċitazzjoni numru 703/1991.

"Il-fatti relevanti għal din il-kawża huma dawn:

"Iż-żewġ fondi numru 21 u 22 fi Triq it-Torri, San Pawl il-Baħar, darba kienu fond wieħed ta' l-istess sid u kienu jinfdu. Sabiex il-fond jinqasam fi tnejn, wieħed terran u l-ieħor fuqu, b'taraġ mal-ġenb tat-terran, saret *partition* b'biċċiet ta' *hardboard*, u ż-żewġ fondi li nħolqu b'dan il-mod inkrew lil tnejn min-nies differenti. Hemm biċċiet ta' *hardboard* weqfin bħala ħitan, imsaqqfa b'biċċa oħra

1 *Foll.* 24 *et seqq.*

2 *Fol.* 28.

3 *Foll.* 57 *et seqq.*

mimduda bħala saqaf. B’hekk ġie li nħoloq kamrin, li jagħmel mal-fond numru 21, illum ta’ l-attur, u qiegħed mal-ġenb tat-taraġ li jagħti għall-fond numru 22, illum tal-konvenut, li qiegħed fuq. L-arja ta’ fuq is-saqaf tal-*hardboard* tagħmel mal-fond tal-konvenut, u taħt dak is-saqaf hemm il-kamrin. L-aċċess għall-kamrin huwa biss min-naħa ta’ l-attur.

‘Dan sar ħafna snin ilu.

“L-attur xtara t-terran numru 21 b’kuntratt tas-17 ta’ Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela. Fost ħwejjeġ oħra dan il-kuntratt igħid hekk:

““… … … il-*partition* magħluqa bl-injam bejn dana l-fond u dak sovrapost trid issir tal-ġebel b’mod li dan it-terran ikun totalment segregat għalih”.

“Il-konvenut xtara mingħand l-istess sid b’kuntratt tat-28 ta’ Diċembru 1990 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella. F’dan il-kuntratt ma jingħad xejn dwar *partitions*.

“Il-bejjiegħ fiż-żewġ każijiet kien Giuseppe Cuschieri. Dan xehed b’*affidavit* maħluf fl-20 ta’ Mejju 1991 u *inter alia* qal illi sar jaf bil-*partition* dakinhar stess li sar il-kuntratt ma’ l-attur, u kien l-attur li qallu biha. Hu ma kienx jaf illi l-*partition*, barra milli tifred iż-żewġ fondi, kienet ukoll toħloq kamrin, u kieku kien jaf kien iġiegħel lill-attur ineħħi l-kamrin.

“Ma nġiebet ebda xhieda illi l-attur biddel il-konfigurazzjoni tal-*partitions* qabel ma sar il-kuntratt. Kien hemm sitwazzjoni oġġettiva illi l-bejjiegħ seta’, kieku ried, mar jara. Il-linja bejn iż-żewġ fondi kienet immarkata bil-*partition* kif kienet, u mhux b’xi linja oħra li seta’ ħaseb il-bejjiegħ. Jekk għażel li joqgħod fuq il-kelma ta’ l-attur meta seta’ faċilment imur jara b’għajnejh, ma jistax issa jgħid illi tqarraq, u l-attur għandu kull jedd jagħmel affidament *in bona fide* illi kien sejjer jixtri l-fond bil-forma li kellu dakinhar tal-kuntratt u sa minn ħafna snin qabel. L-attur għalhekk xtara t-terran bil-konfini illi oġġettivament kienu jidhru fuq il-post. Il-kamrin kien ’il ġewwa minn

dawk il-konfini u għalhekk jagħmel mal-fond li xtara l-attur. Il-konvenut xtara, mingħand l-istess xerrej, wara li xtara l-attur, u għalhekk ma setax jixtri dak li x-xerrej kien ġià biegħ lill-attur.

"Għalhekk it-tieni talba ta' l-attur, biex il-konvenut jinżamm milli jneħħi l-kamrin jew jagħmillu ħsara, sejra tintlaqa'.

"L-ewwel talba — biex jinżamm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni — ma kienx imissha saret u l-qorti ma hijiex sejra tqisha. Mandat ta' inibizzjoni huwa miżura kawtelatorja, u ma tibqa' ebda ħtieġa għalih wara li tingħata s-sentenza, għax il-konvenut jinżamm milli jmiss il-kamrin mhux aktar bis-saħħa tal-mandat iżda bis-saħħa tas-sentenza.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-tieni talba ta' l-attur u żżomm lill-konvenut milli jneħħi l-kamrin li dwaru saret il-kawża jew jagħmillu ħsara. Dan qiegħed jingħad bla preġudizzju għax-xogħlijiet li għandhom isiru skond is-sentenza li qiegħda tingħata llum stess fil-kawża fl-ismijiet Joseph Bartolo ***versus*** Joseph Micallef [ċitaz. nru 703/1991].

"L-ispejjeż ta' l-ewwel talba għandu jħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom il-konvenut.

## L-Appell tal-konvenut Joseph Bartolo

**5.** Kif inghad, b'rikors ipprezentat fid-9 ta' Frar 2005, il-konvenut appella mis-sentenza hawn fuq riportata. L-aggravju tal-konvenut huwa bazikament iccentrat fuq il-fatt illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni dak li huwa jsejjah l-"intenzjoni reali" tal-bejjiegh Giuseppe Cuschieri fil-mument meta sar it-trasferiment tal-fond numru 21, Triq it-Torri San Pawl il-Bahar a favur l-attur appellat. L-appellant jikkontendi illi l-ispazju ta' taht it-tarag tal-fond 22, Triq it-Torri San Pawl il-Bahar – proprjeta tieghu – kien gie mizjud bhala kamrin mal-fond numru 21 b'mod provvizorju biss u sakemm l-imsemmija zewg fondi kienu qed jinkrew mis-sid originali lil terzi, b'mod ghalhekk li meta Giuseppe Cuschieri ttrasferixxa lill-appellat il-fond

numru 21, dan ma ttrasferihx flimkien ma’ dan il-kamrin u li ghalhekk il-arja ossia spazju tal-kamrin tappartjeni lill-fond numru 22. Lejn l-ahhar tar-rikors tieghu, imbaghad, l-appellant ghandu aggravju iehor separat u distint minn dak li wiehed jista’ jsejjahlu principali. Dan l-aggravju, migjub fil-paragrafu 22 tar-rikors ta’ appell tieghu, hu redatt f’dawn it-termini: *“Bla pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, l-esponenti appellanti jissottometti li l-ewwel talba attrici sabiex jigi konfermat il-Mandat ta’ Inibizzjoni bin-numru 964/91 ottenut kontra tieghu mill-attur appellat, hija guridikament inaccettabbli stante li timmira li taghmel perpetwa inibizzjoni li, min-natura taghha, hija limitata ghaz-zmien mehtieg sakemm jigi meqjus id-dritt sostantiv li b’harsien tieghu jkun inhareg tali mandat.”*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

**6.** Illi l-ewwel haga li ghandha tikkonsidra din il-Qorti hija l-mod kif dawn iz-zewg fondi gew akkwistati mill-attur appellat Joseph Micallef u mill-konvenut appellant Joseph Bartolo. Irid ukoll jintqal f’dan l-istadju illi din is-sentenza appellata kienet qeghdha tinstema’ ma’ kawza ohra (Citaz: nru. 703/91 GCD: **Joseph Bartolo v. Joseph Micallef**) fejn l-istess partijiet huma nvoluti, f’ismijiet inversi, liema kawza titratta kwistjoni ohra relatata mal-mertu ta’ din il-kawza. Il-provi ta’ dawn iz-zewg kawzi nstemghu quddiem l-istess Qorti u jghoddu ghaz-zewg kawzi.

**7.** Meta wiehed jara l-kuntratti ta’ akkwist tal-partijiet, jinduna illi bhala kronologija huwa l-attur, l-appellat John Micallef, illi kien l-ewwel illi akkwista l-fond numru 21, Triq it-Torri San Pawl il-Bahar b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela fis-17 ta’ Novembru 1990. Kif jidher mill-kuntratt, Micallef akkwista dan it-terran *“bid-drittijiet, gjustijiet u pertinenzi tieghu kollha”* (ara kopja tal-kuntratt a fol. 9 ta’ l-atti tal-kawza 703/91). Il-konvenut – l-appellant – akkwista l-fond 22, Triq it-Torri, San Pawl il-Bahar wara li l-attur kien xtara tieghu, jigifieri fit-28 ta’ Dicembru 1990 b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Angelo Vella. Kif jidher mill-kuntratt, dan il-fond inxtara *“bl-arja u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu”* (ara kopja tal-kuntratt

a fol. 7 ta' l-atti 703/91). F'dawn iz-zewg kuntratti l-bejjiegh kien l'istess persuna ossia Giuseppe Cuschieri. Skond l-appellant, il-bejjiegh ma' kellux l-intenzjoni illi jbiegh it-terran 21 kompriz il-kamrin, imma illi dan il-kamrin kellu jkun parti mill-fond numru 22.

**8.** Din il-Qorti ma' tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet. Fl-ewwel lok, kif gie ppruvat, il-*partition* bejn iz-zewg fondi ilha tezisti minn qabel is-snin hamsin, u ghalhekk ferm qabel dawn iz-zewg fondi nxtraw minn Giuseppe Cuschieri. Kif jidher mill-kuntratti ta' akkwist, dawn iz-zewg fondi nxtraw minn Giuseppe Cuschieri b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius fit-18 ta' Mejju 1966. Gie ppruvat ampjament illi meta xtara Giuseppe Cuschieri, huwa xtara dawn iz-zewg fondi bil-*partition* kif tinstab illum. Dan huwa hekk kemm skond ix-xhieda ta' John Blake, prodott mill-attur[4], u kemm skond ix-xhieda ta' Louis Pace Asciak, ukoll prodott mill-attur[5]. Huwa wkoll rilevanti li dawn iz-zewg xhieda ghamlu zmien jokkupaw huma stess dawn iz-zewg fondi – u kif jghidu huma stess, din il-*partition* dejjem kienet tezisti.

**9.** Fit-tieni lok, Giuseppe Cuschieri, fl-affidavit tieghu jghid illi huwa qatt ma dahal f'dawn iz-zewg fondi u li l-ewwel darba illi sar jaf b'din il-*partition* kien meta semmiha Joseph Micallef waqt li kien qed issir il-kuntratt ta' akkwist tal-fond numru 21. Dak li ghandu jigi konsiderat f'dan l-istadju huwa illi Giuseppe Cuschieri biegh lill-partijiet, l-istess fondi li huwa xtara, <u>ossia bl-istess arja u spazju</u>. Huwa xtara bil-*partition* u biegh bil-*partition*. Kif qalet tajjeb il-ewwel Qorti

**"Il-linja bejn iz-zewg fondi kienet immarkata bil-*partition* kif kienet, u mhux b'xi linja ohra li seta' haseb il-bejjiegh."**

**10.** Fit-tielet lok, l-appellant xtara wara li xtara l-appellat. Dan huwa rilevanti ghaliex meta xtara l-appellat huwa xtara dan il-fond bl-arja ossia spazju li kien jinkludi l-

[4] Rapport perit a fol. 89
[5] Rapport perit a fol. 92

kamrin, u meta xtara l-appellanti huwa xtara l-fond sa fejn hemm il-*partition*, cioe sa fejn kien ghadu mhux mixtri minn Micallef. Din il-Qorti, anke wara li regghet ikkunsidrat il-provi u sottomissjonijiet kollha, ma tistax hlief taqbel ma' dak li qalet il-ewwel Qorti illi:

**"L-attur ghalhekk xtara t-terran bil-konfini illi oggettivament kienu jidhru fuq il-post. Il-kamrin kien 'il gewwa minn dawk il-konfini u ghalhekk jaghmel mal-fond li xtara l-attur. Il-konvenut xtara, minghand l-istess xerrej, wara li xtara l-attur, u ghalhekk ma setax jixtri dak li x-xerrej kien gia` biegh lill-attur."**

**11.** Fir-rigward tal-provvizorjeta o meno ta' din il-*partition*, din il-Qorti ma' tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi din il-*partition* saret biss sakemm dawn iz-zewg fondi kienu jinkrew mis-sid originali lil terzi. Il-konvenut ma gab ebda prova li din kienet l-intenzjoni tas-sidien originali. Din l-intenzjoni lanqas ma tirrizulta minn ebda klawsola kontrattwali. Anzi l-fatt illi fil-kuntratt ta' akkwist ta' l-appellat hemm illi din il-*partition* ghandha ssir tal-gebel, jikkonferma illi din ma keinitx xi divizjoni temporanja izda wahda permanenti. Kieku s-sid, Giuseppe Cuschieri, ried li din il-*partition* tibqa' wahda temporanja, din l-intenzjoni kien tidher mill-kuntratt – il-fatt illi accetta din il-klawsola illi l-*partition* minn *hardboard* issir tal-gebel hija biss konferma illi l-*partition* ma tistax titqies bhala wahda temporanja jew provizzorja.

**12.** Jizdied jinghad illi fir-rigward tas-sottomissjoni ta' l-appellant illi tinsab f'paragrafu 9 tar-rikors ta' l-appell tieghu u li tittratta x-xiehda ta' Giuseppe Cuschieri, l-ewwel Qorti ma skartatx dak li qal Giuseppe Cuschieri, kif qed jallega l-appellant; anzi l-ewwel Qorti kkonsiderat dak li qal, cioe illi huwa ma kienx jaf bil-*partition* u sar jaf biss meta qallu bl-ezistenza taghha l-appellat, u gibdet il-konkluzzjonijiet taghha minn dan kollu:
"Ma nġiebet ebda xhieda illi l-attur biddel il-konfigurazzjoni tal-*partitions* qabel ma sar il-kuntratt. Kien hemm sitwazzjoni oġġettiva illi l-bejjiegħ seta', kieku ried, mar jara. Il-linja bejn iż-żewġ fondi kienet immarkata bil-*partition* kif kienet, u mhux b'xi linja oħra li seta' ħaseb il-

bejjiegħ. Jekk għażel li joqgħod fuq il-kelma ta' l-attur meta seta' faċilment imur jara b'għajnejh, ma jistax issa jgħid illi tqarraq, u l-attur għandu kull jedd jagħmel affidament *in bona fide* illi kien sejjer jixtri l-fond bil-forma li kellu dakinhar tal-kuntratt u sa minn ħafna snin qabel. L-attur għalhekk xtara t-terran bil-konfini illi oġġettivament kienu jidhru fuq il-post. Il-kamrin kien 'il ġewwa minn dawk il-konfini u għalhekk jagħmel mal-fond li xtara l-attur. Il-konvenut xtara, mingħand l-istess xerrej, wara li xtara l-attur, u għalhekk ma setax jixtri dak li x-xerrej kien ġià biegħ lill-attur."

**13.** L-appellant jissottometti illi l-appellat ma agixxiex in buona fede fil-mument tat-trasferiment tal-fond numru 21. Anke hawnhekk l-appellant m'ghandux ragun. Kieku l-appellat ma semmiex din il-*partition* kien ikun f'mala fede, izda hu semmiha u, kif jghid hu stess, ipprova jiddeskrivi mill-ahjar li seta' kif il-*partition* kienet qed tifred iz-zewg fondi. Ghalhekk l-appellat ma heba xejn mill-venditur, li wara kollox *qua* venditur messu kien jaf kif kienu imqassmin dawn iz-zewg fondi, u ghalhekk fil-mument ta' l-akkwist ma jistax jinghad li l-appellat kien in mala fede.

**14.** Fl-ahhar nett, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid fuq l-aggravju ta' l-appellant kif imsemmi fil-paragrafu 22 tar-rikors tieghu, ghaliex huma manifestament infondat u zbaljat. L-ewwel Qorti ma ddecidietx kif qed jghid l-appellant. Kontrarjament ghal dak li qed jghid il-konvenut appellant, l-ewwel Qorti qalet illi:

**" L-ewwel talba – biex jinzamm fis-sehh mandat ta' inibizzjoni – ma kienx immissha saret u l-qorti ma hijiex sejra tqisha. Mandat ta' inibizzjoni huwa mizura kawtelatorja, u ma tibqa' ebda htiega ghalih wara li tinghata s-sentenza, ghax il-konvenut jinzamm milli jmiss il-kamrin mhux aktar bis-sahha tal-mandat izda bis-sahha tas-sentenza."**

Ghalhekk fir-realta l-ewwel talba attrici kienet qed tigi michuda mill-ewwel Qorti

**<u>Decide</u>**

**15.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza tal-20 ta’ Jannar 2005; dawk ta’ dana l-appell jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------